DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Novembru 2009

dwar il-konklużjoni, mill-Kummissjoni, tal-Ftehim għall-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Repubblika Federattiva tal-Brażil fil-qasam tar-riċerka dwar l-enerġija mill-fużjoni

(2010/488/Euratom)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-paragrafu (2) tal-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni mexxiet negozjati, skont id-Direttivi tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2008, dwar Ftehim għall-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Repubblika Federattiva tal-Brażil fil-qasam tar-riċerka dwar l-enerġija mill-fużjoni.

(2) Il-konklużjoni tal-Ftehim, mill-Kummissjoni, għandha tiġi approvata,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu uniku

B'dan hija approvata l-konklużjoni, min-naħa tal-Kummissjoni, għal u f'isem il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, tal-Ftehim għall-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Repubblika Federattiva tal-Brażil fil-qasam tar-riċerka dwar l-enerġija mill-fużjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

C. MALMSTRÖM